**REĠJUN ĊENTRALI**

# MINUTI

## SEDUTA Nru 63

L-Erbgha, 11 ta' Novembru, 2015

Il-Kumitat tar-Reġjun Ċentrali ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali Msida, Pjazza Menqa, L-Imsida, fil-5.30pm.

Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, ippresieda.

**PREŻENTI**

| | | |
|---|---|---|
| President tar-Reġjun | Michael Fenech Adami | Preżenti |
| Viċi-President | Stefan Cordina | Preżenti |
| Kunsillier Tas-Sliema | Paul Radmilli | Preżenti |
| Sindku L-Imsida | Margareth Baldacchino Cefai | Prezenti |
| Viċi Sindku B'Kara | Rita Borg | Assenti |
| Kunsillier San Ġwann | Dominic Cassar | Preżenti |
| Sindku l-Gżira | Conrad Borg Manche | Prezenti |
| Sindku Ta' Xbiex | Maximillian Zammit | Preżenti |
| Sindku Santa Venera | Stephen Sultana | Prezenti |
| Sindku Ħal Lija | Magda Magri Naudi | Prezenti |
| Sindku Tal-Pietà | Keith Tanti | Skuzat |
| Sindku l-Iklin | Anthony Dalli | Prezenti |
| Vici Sindku Ħal Balzan | Andre` Grech | Prezenti |
| Sindku San Giljan | Karl Gouder | Prezenti |

**UFFIĊJALI**

Deputat Segretarju: Simon Cauchi

**TALBA**

Il-President qal it-talba.

## 1. MINUTI

Il-minuti tas-Seduta Nru 62 li saret nhar it-Tlieta, 6 ta’ Ottubru 2015, ittieħdu bħala moqrija.

Il-minuti kienu approvati unanimament fuq proposta tal-President, is-Sur Michael Fenech Adami u sekondat mill-Kunsillier ta’ San Gwann, is-Sur Dominic Cassar.

## 2. MATERJI LI JIRRIŻULTAW MILL-MINUTI

### *2.1 Quarterly Financial Report*

Dwar il-figura ta’ €86,968 f’Bank charges minn xiex hi maghmula, il-Kunsillier ta’ Tas-Sliema is-Sur Paul Radmilli, gibed l-attenzjoni li hu kien qajjem dan il-punt. Ittiehdet nota ta’ dan u d-Deputat Segretarju informa li wara li vverifika ma’ l-accountant, gie nfurmat li dan l-ammont jinkludi wkoll fih l-*administration fee* li tinzamm mill-AKL dwar multi li jigu mhallsa ghand l-LTD u *online*. Huwa qal li talab lill-accountant biex minn rapport iehor, dawn jibdew jidhru b’mod separat u cioe` *Bank charges* ghalihom u dawn l-*administration fees* ghalihom.

### *2.1 Schedule of Payments*

Is-Sur Paul Radmilli fakkar biex ix-*schedule of payments* tintbghat f’forma pdf ma’ l-Agenda. Id-Deputat Segretarju qal li kien se jinforma lill-ufficcju b’dan.

## 3. KORRISPONDENZA

3.1 Tressqet ghall-attenzjoni tal-Kumitat, memo 29/2015 dwar “Izjed rizorsi umani fil-Kumitati Regjonali u l-Kunsilli Lokali”. Din intbghatet ukoll lill-Kunsilli Lokali kollha.

3.2 Tressqet ukoll ghall-attenzjoni tal-Kumitat, memo 30/2015 dwar “Skema dwar inizjattivi kulturali ghall-2016 (minn Jannar sa Dicembru)”. Din intbghatet ukoll lill-Kunsilli Lokali kollha.

3.3 Ir-Regjun ircieva wkoll e mail minn LESA jinfurmaw li s-Sur Sandro Muscat ser ikun ir-Regional Enforcement Officer tar-Regjun Centru.

3.4 Is-Sindku ta’ l-Imsida, Is-Sinj. Margareth Baldacchino Cefai, semmiet is-Seminar li sar dwar il-European Funds 2014-2020 – Asylum, Migration & Integration Fund (AMIF) u Internal Security Fund (ISF). Hija qalet jekk hux possibli li jsir xi haga bhala Regjun biex jinkisbu fondi mill-AMIF.

Il-President qal li tista’ tapplika l-AKL u l-Kunsilli Lokali ikunu *partners*. Il-Kunsilli Lokali ta’ l-Imsida, il-Gzira u Tas-Sliema wrew interess f’dan il-fond. Il-Kunsillier ta’ Tas-Sliema, is-Sur Paul Radmilli irrimarka li dawn il-fondi huma mmirati ghal 3$^{rd}$ country nationals.

***17:45pm Is-Sindku tal-Gzira, is-Sur Conrad Borg Manche wasal ghal din il-laqgha.***

## 4. MISTOQSIJIET

Ma kienx hemm mistoqsijiet xi jsiru.

## 5. KOMUNIKAZZJONI TAL-PRESIDENT

5.1 Dwar memo 30/2015, il-President issugerixxa li tigi organizzata xi attivita` sportiva bhal per ezempju xi bike ride li tghaddi mil-lokalitajiet li jiffurmaw dan ir-Regjun. Kien hemm qbil ma' din il-proposta.

5.2 Is-Sindku ta' l-Iklin, is-Sur Anthony Dalli irraporta dwar il-Europe for Citizens Programme Launch Conference li kien attenda fi Brussels. Huwa qal li minhabba li Malta kienet minn ta' l-ahhar li applikat, hafna mill-*workshops* kienu kollha *fully booked*. Madankollu huwa kien attenda ghal zewg *workshops*, wiehed dwar *tool* ghal *human resources* u l-iehor dwar l-SME's. Dan ta' l-ahhar huwa dwar progett ta' €10 miljun biex ihajjar SME's jifthu fl-irhula u mhux fl-ibliet. Huwa ssugerixxa li jidhol aktar fid-dettall dwar dawn u jirraporta lir-Regjun aktar 'il quddiem.

5.3 Il-President informa li l-Presidenti tar-Regjuni kellhom laqgha mas-Sur Michael Cohen dwar il-haddiema ta' l-IPSL. F'din il-laqgha gew infurmati li l-Gvern se jhalli persuna ta' l-IPSL f'kull Kunsill Lokali u ser ikun hemm grupp ta' haddiema mar-Regjun. Dan il-grupp se jkun iffurmat minn madwar erba' haddiema u *foremen*. Il-Gvern se jaghti wkoll ghal darba, l-ammont ta' €500 biex tinxtara l-ghodda u s-*safety wear* lil dawn il-haddiema. Ir-Regjun se jkollu jikri van ghal dawn il-haddiema kif ukoll jaghti €1000 fis-sena bhala *performance bonus* lill-*foremen*.

***18:05pm Is-Sindku ta' Santa Venera, is-Sur Stephen Sultana wasal ghal din il-laqgha.***

5.4 Il-President informa li l-AKL harget bi proposta dwar kif ghandhom jitqassmu l-flus mill-LESA. Il-proposta hija li l-fondi li jibqa' wara li jithallsu l-ispejjez kollha, ghandhom jitqassmu hekk: 10% lill-AKL, 30% lill-Kunsilli Lokali kollha, 30% skond il-multi f'liema lokalitajiet jinataw u 30% lir-Regjun. Il-President qal li ma qabilx ma' din il-proposta u ssugerixxa li 60% ghandhom imorru ghand ir-Regjun li wara jiddeciedi hu kif iqassamhom. Il-Vici Sindku ta' Hal Balzan, is-Sur Andre` Grech qal li hu ma kienx jaqbel kif ir-Regjun qed iqassam il-fondi bhalissa.

***18:10pm Is-Sindku ta' Hal Lija, is-Sinj. Magda Magri Naudi waslet ghal din il-laqgha.***

Il-Kunsillier ta' Tas-Sliema, is-Sur Paul Radmilli qal li hu kien jaqbel li dawn il-fondi jigu ghand ir-Regjun u jqassamhom l-istess Regjun. Madankollu is-Sindku ta' l-Iklin, is-Sur Anthony Dalli kif ukoll il-Vici Sindku ta' Hal Balzan, is-Sur Andre` Grech qablu mal-proposta ta' l-AKL u cioe` li 30% imorru ugwali ghand il-Kunsilli Lokali.

5.5 Il-President informa li d-*data* dwar multi pendenti kienet ghadha ma waslitx minghand il-LOQUS. Is-Sinj. Liz Vassallo mill-LESA irreferiet lir-Regjun ghal Legal Notice li harget ricentament li tawtorizza lill-LESA biex tigbor il-multi pendenti u ghalhekk qed jissuspetta li LOQUS ghandhom struzzjonijiet biex ma jghaddux din l-informazzjoni lir-Regjun.

5.6 Il-President informa wkoll li kien avvicinat mis-Sur Adrian Daulton li ghandu madwar €6,000 f'multi pendenti mar-Regjun Centru. Dan qed jitlob biex ihallas dawn f'erba' pagamenti fi zmien sena. Il-Kumitat qabel li wara li jitnehhew ir-reati kontinwati, isir *agreement* mas-Sur Daulton biex isiru erba' hlasijiet fi zmien sena.

***18:30pm Is-Sindku ta' Ta' Xbiex, is-Sur Max Zammit wasal ghal din il-laqgha.***

5.7 Il-Kunsillier ta' Tas-Sliema is-Sur Paul Radmilli staqsa jekk l-iskema dwar il-Fondi Kapitali jinsabx kollox wieqaf minhabba li ma nstema xejn izjed.

## 6. APPROVAZZJONI TAL-ĦLASIJIET FL-ISKEDA TAL-PAGAMENTI

Il-President, sekondat mis-Sur Dominic Cassar, ressaq mozzjoni biex jiġi approvat il-ħlas tal-pagamenti mniżżla fl-iskeda tal-pagamenti Nru 63. Il-mozzjoni għaddiet *nem.con*.

## 7. AFFARIJIET OĦRA

### *7.1* Uniformi ghall-Ufficjal Ezekuttiv

Kien hemm qbil unanimu li tinxtara uniformi ghall-Ufficcjal Ezekuttiv wara li ghalqitlu z-zmien tal-*probation*.

### *7.2* Kwotazzjonijiet ghal mejda u siggijiet

Fl-ufficcju tar-Regjun f'San Gwann hemm post fejn fiha jistghu isiru il-laqghat tar-Regjun. Madankollu jehtieg jinxtraw *boardroom table* u siggijiet. Ghalhekk tressqu l-kwotazzjonijiet ghal dan il-ghan. Kien hemm qbil unanimu li s-Segretarja ghandha tara liema mill-kwotazzjonijiet huma adatti ghall-post.

Is-Sindku ta' l-Iklin, is-Sur Anthony Dalli qal li kien se jara jistghax igib mejda kbira adattata. Kien hemm qbil li dwar il-mejda ir-Regjun jistenna gimgha, biex jilhaq jiccekja dwar dan is-Sur Dalli.

***7.3*** **Xoghol mill-Kunsill Lokali Hal-Lija permezz tal-fondi mill-LES**

Is-Sindku ta' Hal-Lija, is-Sinj. Magda Magri Naudi, ressqet quddiem il-Kumitat rapport dwar ix-xoghol li sar mill-Kunsill Lokali Hal-Lija permezz tal-fondi ta' l-LES mghoddija mir-Regjun.

**7.4 Ikla tal-Milied**

Il-Kumitat qabel li ssir l-ikla tal-Milied ghall-membri u l-istaff u nkariga lis-Segretarja Ezekuttiva sabiex tiffissa data.

***7.5 Gwardjani ma cranes u permessi ohra***

Il-Kunsillier ta' San Gwann, is-Sur Dominic Cassar gibed l-attenzjoni tal-Kumitat ghall-problema li qieghed ikun hemm sabiex jinstabu gwardjani ma' *cranes* u attivitajiet ohra li jkunu jirrikjedu s-servizz taghhom. Huwa qal li qed jinhela hafna hin ta' l-impjegati tal-Kunsilli minhabba dan u l-Kunsill m'hu qed jiehu xejn minnhom.

**8. TMIEM**

Fis-18.45pm ntemmet is-seduta. Kien hemm qbil li s-seduta li jmiss issir nhar il-Hamis, 3 ta' Dicembru, 2015, fil-5.30pm.

Simon Cauchi
Deputat Segretarju

**Konfermati:**

Michael Fenech Adami
President